**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 7**

**Avviz numru 1313/01JR**

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Keith Abela Fitzpatrick**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-26 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u erbghin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm540.49), u fejn intqal:**

**Illi s-socjeta` attrici irrendiet diversi servizzi ta' reklamar lill-konvenut fuq ordni u inkarigu specifiku tieghu u l-konvenut naqas li jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u erbghin lira Maltija disgha u erbghin**

**centezmu (Lm540.49);**

**Ghalkemm il-konvenut gie interpellat biex ihallas permezz ta' ittra bonarja datata 22 ta' Mejju, 2000, huwa baqa' nadempjenti;**

**Is-socjeta` attrici ghalhekk titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' hames mija u erbghin lira maltija disgha u erbghin centezmu (Lm540.49) kif ukoll l-ispejjez, inkluz ta' l-ittra bonarja tat-22 ta' Mejju, 2000, u l-interessi mid-data ta' kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Aaron Bugeja ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lilll-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u erbghin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm540.49), bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Ottubru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz ta' l-ittra bonarja tat-22 ta' Mejju, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**